**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 13 ta' Ottubru 2022**

**Rikors nru : 84/2021 AGV**

**TC**

**v.**

**KM**

**Il-Qorti ;**

**Rat ir-Rikors Ġuramentat ta' TC** datata 11 ta' Marzu 2021;

Tesponi bir-rispett u bil-ġurament tiddikjara:-

1. Illi l-kontendenti kellhom relazzjoni minn liema twieldu l-minuri KM C (ara ċertifikati tat-twelid hawn annessi u mmarkati bħala Dok A);
2. Illi l-konvenut huwa persuna pikuża u huwa vjolenti fiżikament u emozjonalment fil-konfront tal-esponenti u anke manipulattiv fil-konfront tal-minuri;
3. Illi minħabba l-aġir tiegħu, l-esponenti tterminat ir-relazzjoni tagħhom, iżda l-konvenut baqa' jinsisti illi l-minuri jqatta' jumejn mal-esponenti u jumejn mal-konvenut. Illi dan l-access qed ikun ta' dettrimnet ghal minuri u minkejja diversi tentattivi sabiex jintlahaq ftehim idoneju ghal minuri, l-konvenut bla ebda mod ma ried jikkopera;
4. Illi konsegwentament, l-esponenti kienet kostretta tagħlaq il-proċeduri tal-medjazzjoni;
5. Illi għaldaqstant huwa fl-aħjar interess tal-minuri li hija tkun f'data bil-kura u kustodja tal-istess;

6. Illi l-esponenti ġiet debitament awtorizzati biex jipproċedu f'din l-istanza permezz ta' digriet mogħti minn din l-Onorabbli Qorti datat wiehed ta' Frar elfejn u wiehed u ghoxrin (1.02.2021) (Ara digriet hawn anness u mmarkat bħala Dok B);

7. Il-fatti hawn dikjarati tafhom hi personalment;

Jghid ghalhekk l-konvenut ghar-ragunijiet premessi, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna, ghalfejn m'ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti:

1. Tafda l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri KM C f'idejn l-esponenti u tawtorizzaha sabiex tieħu kwalunkwe deċiżjonijiet relatati mal-ħruġ tal-

passaporti, mas-safar, mas-saħħa u mal-edukazzjoni tal-imsemmija minuri u dan kif jiġi stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti;

2. Tiffissa u tillikwida ammont adegwat ta' manteniment li għandu jiġi pagabbli mill-konvenut għal-minuri, u jibqa' hekk pagabbli sakemm l-imsemmija minuri jagħlqu l-età ta' tmintax (18)-il sena u jekk jieqfu mill-iskola u jibdew jaħdmu bi qliegħ jew sa tlieta u għoxrin (23) sena jekk il-minuri jiddeċiedu li jibqghu jistudja fuq bażi *full-time*; kif ukoll tordna illi dawn l-alimenti jiġu mnaqqsa direttament mis-salarju jew qliegħ tal-konvenut mill-impjieg jew xogħol jew kwalunkwe benefiċċju li qed jipperċepixxi l-konvenut, u jiġu depożitati f'kont bankarju indikat mill-esponenti; u tipprovdi dwar il-modalitajiet ta' kif l-istess manteniment għandu jiġi rivedut u jawmenta kull sena sabiex jirrifletti ż-żieda fl-għoli tal-ħajja;

3. Tordna lill-konvenut sabiex iħallas nofs l-ispejjeż relatati mas-saħħa u mal-edukazzjoni tal-istess minuri inkluż, u mhux limitatament, uniformijiet, transport, donations, privatijiet u kwalunkwe spejjeż oħra relatati mal-edukazzjoni, inkluż spejjeż relatati ma' attivitajiet extra-kurrikulari tal-minuri;

5. Tiffissa aċċess għall-konvenut ghal minuri Kane Mejlaq Castillo u dan fl-aħjar interess tal-istess minuri;

6. Tordna l-allegazzjoni tal-atti tal-medjazzjoni numru 1330/19;

7. Tawtorizza lill-esponenti sabiex tirreġistra fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta l-eventwali sentenza mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti;

Salv provvedimenti ohra li l-Qorti jidhrila xieraq u gusti.

Bl-ispejjeż u imgħaxijiet kollha kontra l-konvenut, inkluz l-proċeduri ta' medjazzjoni, li huwa minn issa inġunt għas-subizzjoni.

**Rat ir-risposta guramentata ta' KM datata 8 ta' April 2021;**

Jesponi bir-rispett, u bil-ġurament tiegħu jikkonferma;

1. Illi l-azzjoni attriċi hija infondata kemm bħala fatt kif ukoll bħala dritt, u għandha tiġi miċħuda bl-ispejjez, u dan kif ser jirriżulta waqt is-smigħ tal-kawża odjerna;

2. Illi ma huwa minnu xejn illi l-esponenti huwa persuna pikuża jew vjolenti fiżikament u emozjonalment, fil-konfront tal-attriċi, kif ukoll manipulattiv fil-konfront tal-minuri kif minnha allegat, iżda pjuttost hija l-attriċi pikuża u manipulattiva fil-konfront ta' l-esponenti u tal-minuri, tant illi il-partijiet spiċċaw f'dawn il-proċeduri, u dan kif ser jirriżulta waqt is-smigħ tal-kawża;

3. Illi dawn il-proċeduri, lanqas ma huma intiżi, sabiex isibu xi tort f'xi waħda mill-partijiet, u per konsegwenza allura ikun hemm il-penali, jew xi sanzjoni fil-konfront ta' xi parti, kif donnu qed timplika l-attriċi fir-rikors tagħha, iżda biss sabiex jiġu stabbiliti provvedimenti u kundizzjonijiet rigwardanti, il-kura u l-kustodja tal-minuri, kif ukoll l-aċċess u l-mantiment, u dan biss fl-aħjar interess tal-minuri;

4. Illi lanqas ma huwa minnu, illi il-proċeduri tal-medjazzjoni ingħalqu għax hekk kienet kostretta li tagħmel l-attriċi, kif minnha allegat, u dan kif ser jirriżulta waqt is-smigħ tal-kawża;

5. Illi l-esponenti qiegħed jopponi għat-talba tal-attriċi, illi il-kura u l-kustodja tal-minuri tiġi affidati biss lilha, u dan peress illi sa mit-twelid tat-tifel dejjem ġiet eżerċitata konġuntivament bejn il-partijiet, u dan dejjem fl-interess tal-minuri, u li l-attriċi, lanqas saħansitra waqt il-proċeduri tal-medjazzjoni ma insistiet għal kura u l-kustodja esklussiva fuq il-minuri, u l-esponenti huwa pjuttost sorpriż b'din it-talba, u dan kif ser jirriżulta waqt is-smigħ tal-kawża illi dan mhux fl-interess tal-minuri;

6. Illi l-esponenti qiegħed jaqbel illi huwa għandu jagħti manteniment lill-minuri, fil-fatt, huwa dan diġa qiegħed jagħmlu, prevja li ir-rata tibqa' dik ta' tlett mitt ewro fix-xahar (€300), hekk kif talbet l-attriċi stess fir-rikors tagħha pendente lite, tas-sitta (6) ta' Frar tas-sena elfejn u għoxrin (2020), u kif ukoll determinat minn din l-Onorabbli Qorti permezz tad-digriet tagħha pendent lite, tad-disgħa (9) ta' Marzu tas-sena elfejn u għoxrin (2020), kif talbet ukoll l-attriċi stess, l-imsemmija rata għandha tinkludi l-ispejjeż relatati mas-saħħa u l-edukazzjoni tal-minuri, biż-żidied kontemplati fl-indiċi tal-għoli tal-ħajja, u dan tenut kont tal-fatt illi l-attriċi taħdem ukoll, u il-fatt illi l-minuri jagħmel l-istess ammont ta' ħin mal-partijiet b'mod ugwali fil-ġimgħa, u dan kif ser jirriżulta waqt is-smigħ tal-kawża.

7. Illi l-esponenti qiegħed jopponi illi il-ħlas tal-manteniment jinqata' direttament mis-salarju jew qliegħ tiegħu, u dan stante li kif taf ben tajjeb l-istess attriċi, l-esponenti dejjem ħallas regolarment il-manteniment stabbilit, u dan permezz ta' trasferimenti bankarji diretti f'kont intestat fuq isem l-attriċi, minnha stess indikat, u kif ser jirriżulta waqt is-smigħ tal-kawża, ma hemm l-ebda bżonn ta' din il-miżura tassattiva u drastika fil-konfront ta' l-esponenti.

8. Illi it-talba għal ħlas ta' nofs l-ispejjeż relatati mas-saħħa u l-edukazzjoni qed tiġi opposta in vista tar-risposta sitta (6) hawn fuq indikata;

9. Illi dwar aċċess għall-minuri għandu jingħad, illi sa mit-twelid tiegħu, il-minuri dejjem irresjieda jumejn (2) ma' l-attriċi, u jumejn (2) ma' l-esponenti, u dan b'arranġament u ftehim bejn il-partijiet, kif kien ġie propost oriġinarjament mill-attriċi stess, u dan peress illi omm l-attriċi, u cioe A C taħdem jumejn iva u jumejn le, sabiex tkun tista' iżżomm il-minuri hi stess, peress li l-attriċi taħdem, u anke tistudja, liema arranġament għadu hekk sa llum, u fl-umli opinjoni ta' l-esponenti huwa fl-aħjar interess tal-minuri, hekk kif ser jirriżulta waqt is-smigħ tal-kawża, illi dan jibqa,' prevja xi alterazzjonijiet fl-ammont ta' jiem konsekuttivi, illi l-istess minuri għandu iqatta' ugwalment bejn il-partijiet;

10. Salv risposti ulterjuri.

11. Illi il-konvenut fil-kwalita tiegħu premessa qed jipprevalixxi ruħu mill-azzjoni attriċi, sabiex jagħmel il-kontro-talba tiegħu.

**Rat il-Kontro-talba ta' KM**

Jesponi bir-Rispett, u bil-ġurament tiegħu jikkonferma –

1. Illi minn relazzjoni li kellhom il-partijiet twieled il-minuri KM C (ċertifikat tat-twelid anness u mmarkat Dok A mar-rikors promutur ta' l-attriċi rikonvenzjonata).

2. Illi waqt li il-partijiet kienu flimkien, pero' ma kienux jirrisjiedu flimkien, bi qbil, u b'arranġament bejniethom, hekk kif ukoll propost mill-attriċi stess, il-minuri beda jirresjiedi jumejn (2) ma' l-esponenti u jumejn (2) ma' l-attriċi, u dan sabiex l-attriċi tkun tista' tistudja u taħdem, fil-waqt illi il-minuri ikun nel frattemp jista' igawdiha;

3. Illi wara li il-partijiet temmew ir-relazzjoni bejniethom, dan l-arranġament baqa' hekk jiġi eżerċitat sa llum, u il-minuri drah, u fil-fatt bena rabta tajba u kbira, kemm ma' l-omm, kemm mal-missier, kif ukoll mal-familjari taż-żewġ (2) partijiet;

4. Illi il-kura u l-kustodja dejjem ġiet eżerċitata b'mod konġunt bejn il-partijiet;

5. Illi kien hemm ukoll diversi drabi, fejn l-esponenti kellu riżervi dwar ir-residenza ta' l-attriċi u l-familjari tagħha, u kien ukoll imħasseb dwar dan, waqt li il-minuri ikun qiegħed jirresjiedi hemmhekk, stante li il-minuri kien ġie espost għal sustanzi illegali fil-pussess ta' ħu l-attriċi, EC u anke inċidenti fid-dar minħabba negliġenza, bħal ħruq, kif ukoll dagħha u kliem ħażin;

6. Illi minkejja dan, hija l-umli opinjoni ta' l-esponenti, illi dan l-arranġament huwa l-aħjar li jista' jkollu il-minuri, stante li kif ser jirriżulta waqt is-smigħ tal-kawża, dan huwa fl-aħjar interess tal-minuri, prevja xi modifiki żgħar, bħal żieda fil-ġranet li jkun qed jagħmel il-minuri b'mod ugwali bejn il-partijiet;

7. Illi l-esponenti dejjem ħallas il-manteniment dovut, kif ordnat pendente lite, permezz tad-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tad-disgħa (9) ta' Marzu tas-

sena elfejn u għorin (2020), inkluż is-saħħa u l-edukazzjoni, u sa llum ma hemm abda arretrati dovuti;

8. Illi għalhekk kellha ssir din il-kontro-talba.

Għaldaqstant, l-esponenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha;

1. Tafda il-kura u l-kustodja tal-minuri KM C konġuntivament bejn il-partijiet, u li sabiex per konsegwenza kwalunkwe deċiżjonijiet relatati mal-ħruġ tal-passaporti, mas-safar, mas-saħħa u ma' l-edukazzjoni tal-minuri jibqgħu jittieħdu konġuntivament bejn il-partijiet, u dan kif jiġi stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti;

2. Tiffissa ir-rata tal-manteniment għall-minuri, illi l-esponenti għandu jibqa' jħallas, fir-rata tlett mitt ewro fix-xahar (€300), hekk kif ġia stabbillit permezz tad-digriet pendente lite ta' din l-Onorabbli Qorti tad-disgħa (9) ta' Marzu tas-sena elfejn u għoxrin (2020), liema rata għandha tinkludi l-ispejjeż relatati mas-saħħa u l-edukazzjoni tal-minuri, biż-żidied kontemplati fl-indiċi tal-għoli tal-ħajja, liema manteniment jitħallas direttament permezz ta' depożitu bankarju kull xahar mill-esponenti f'kont intestat fuq isem l-attriċi, indikat minnha, u dan tenut kont tal-fatt illi l-attriċi taħdem ukoll, u tenut kont ukoll tat-talba sussegwenti;

3. Tordna illi il-minuri jibqa' jirresjiedi, b'mod ugwali bejn il-partijiet, f'ammont ta' jiem indaqs kull wieħed, b'mod suċċessiv, u b'alternanza beniethom, b'mod illi il-minuri ikun tant jiem ma' l-attriċi, u sussegwentement l-istess ammont ta' jiem mal-esponenti,

u dan fl-interess tal-minuri, prevja jekk ikun meħtieġ, bil-ħatra ta' esperti sabiex jirrelataw lil din l-Onorabbli Qorti, inkluż ukoll il-ħatra tal-Avukat tat-tfal, hekk nominati minn din l-Onorabbli Qorti, sabiex jisma ukoll lill-istess minuri, jekk ikun il-każ.

4. Tawtorizza lill-esponenti sabiex jirreġistra fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta, l-eventwali sentenza mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti;

5. Salv provvedimenti oħra, ai termini tal-liġi.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-proċeduri tal-medjazzjoni kontra l-attriċi rikonvenzjonata, minn issa inġunta għas-subizzjoni.

**Rat ir-risposta Ġuramentat ta' TC** datata 23 ta' April 2021;

Tesponi bir-rispett u bil-ġurament tiddikjara:-

1. Illi huwa minnu li l-partijiet kienu f'relazzjoni li minnu twieled il-minuri KMC. Illi l-esponenti tichad illi hija kien hemm qbil illi hija aċċettat li l-access jiġi ezercitat jumejn, jumejn b'mod alternat, iżda ghal kuntrarju l-konvenut rikonvenzjonat beda jakkuża illi kemm-il darba l-access ma jibqax b'din il-modalita, huwa kien ser jiġi mcahhad minn ibnu. Illi peress li r-relazzjoni tal-partijiet ntemment minhabba l-atteggament aggressiv tal-konvenut rikonvenzjonat, l-esponenti haset li ma kelliex alternattiva ohra ghajr li toqod ghal dak li kien qed jiddetta hu;
2. Illi ma hux minnu lanqas dak li qed jittenta jindika l-konvenut rikonvenzjonat u cioe' li l-minuri ġie b'xi mod espost għal-sustanzi illegali jew inċidenti fid-dar tar-residenza tal-esponenti;

3. Illi ma huwiex fl-aħjar interess tal-minuri li huwa jirresjedi maż-żewġ ġenituri b'mod ugwali u dana għar-raġuni li l-minuri għandu bżonn stabbilita' f'ħajtu u residenza fissa filwaqt li l-esponenti ma topponix li jkun hemm aċċess regolari u liberu għall-konvenut rikonvenzjonat.
4. Illi l-esponenti topponi għall-ewwel talba u dan stante li hija ma ssibx kooperazzjoni mill-konvenut rikonvenzjonat li jippreferi jimpika mal-esponenti milli jikkoopera magħha fis-sħiħ fl-aħjar interess tal-minuri. Illi għalhekk l-kura u kustodja tal-minuri u d-deċizjonijiet dwar l-istess għandhom jittieħdu esklussivament mill-esponenti.
5. Illi l-esponenti ma topponix għat-tieni talba u cioe' li l-manteniment tal-minuri K jkun wieħed ta' €300 b'dana li spejjez straordinarji ta' saħħa u edukazzjoni u spejjez ta' attivitajiet ekstra-kurrikulari tal-minuri jiġu diviżi ugwalment bejn il-partijiet.
6. Illi l-esponenti topponi għat-tielet talba u dana stante li huwa fl-aħjar interess tal-minuri li jkollu residenza fissa, liema residenza għandha tkun mal-esponenti omm filwaqt li jkun hemm aċċess għall-missier. Illi l-esponenti taqbel mal-konvenut rikonvenzjonat li għandu jkun hemm ħatra ta' esperti sabiex jirrelataw lill-Onorabbli Qorti dwar l-aħjar interess tal-minuri.
7. Illi l-esponenti ma topponix għar-raba talba'.
8. Illi l-esponenti topponi għall-ispejjez kollha tal-kawza odjerna, inkluz dawk fl-atti tal-medjazzjoni.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**IKKUNSIDRAT:**

Illi din il-kawza tittratta talbiet dwar il-kura w kustodja, manteniment pagabbli u access versu tifel minri li twieled minn relazzjoni bejn il-partijiet. Mill-atti jirrisulta li l-partijiet huma genituri ta'  KM C, li twieled fl-20 ta' Settembru, 2013, minn relazzjoni li kellhom ghal tul ta' snin. Jirrisulta wkoll li l-partijiet it-tnejn kienu ta' eta' pjuttost tenera meta kellhom il-wild, u li mat-twelid tat-tifel, minnflok ma sabu residenza ohra u marru jghixu flimkien bhala familja, huma ghazlu li jalternaw bejn li jaghmlu zewgt iljieli fir-residenza tal-genituri rispettivi ta' xulxin, flimkien mat-tifel. Hekk kif inqala' l-inkwiet bejniethom, huma infirdu u baqghu jghixu mal-genituri taghhom, izda l-minuri baqa' jaqsam ir-residenza tieghu, bil-wild jorqod jumejn ma' genitur u jumejn ma' iehor, u liema arrangament ghadu hekk sa llum. L-attrici qed titlob li hi tinghata l-kura w kustodja esklussiva tal-minuri, mentri l-konvenut qed jinsisti li l-kura w kustodja tibqa' wahda kongunta. Il-partijiet jaqblu li ghandu jithallas manteniment ghall-istess minuri. Fit-tielet lok, l-attrici qed titlob li l-minuri ma jibqax jghix jumejn kull darba ma' genitur, izda jibda jghix maghha b'access mal-missier. Il-konvenut jghid li dan l-arrangament ta' access s'issa kien qed jahdem u ma hemm ebda raguni ghalfejn dan ghandu jinbidel.

Mill-provi prodotti, bhal ma jigri f'kazijiet bhal dawn, il-Qorti semghet zewg verzjonijiet ta' fatti li huma opposti ghal xulxin. Il-verita' kwazi dejjem tkun x'imkien fin-nofs, daqqa ixxaqleb ftit izjed lejn naha, u daqqa ixxaqleb lejn in-naha l-ohra. L-attrici allegat li l-konvenut kien abbuziv u vjolenti fil-konfront taghha. Hi taghti bosta ezempji ta' dawn fl-affidavit taghha. Oltre minn hekk, tghid ukoll li l-konvenut jabbuza mid-droga u minn sustanzi ohra, u li ghandu l-

vizzju tal-loghob. Barra minn hekk, il-konvenut huwa wkoll possessiv u manipulattiv, u jipprova jikkontrolla l-hajja taghha u tat-tifel, u ghalhekk hi ma tridx li jkollu l-kura w kustodja tal-minuri flimkien maghha. Ovvjament il-konvenut jirribatti dawn l-allegazzjonijiet, jammetti li kellu problema bil-loghob, izda jinnega li qatt kien vjolenti jew li huwa bniedem difficli.

Il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tidhol wisq fid-dettall dwar id-differenzi bejn il-koppja, u x'seta' kien li wassal ghall-firda taghhom, u dan peres illi din mhix kawza ta' separazzjoni, fejn il-Qorti jkollha tara jekk parti ghandhiex tort li r-relazzjoni intemmet. Fil-verita' jidher mill-provi li l-partijiet qatt ma kellhom relazzjoni libera bhala koppja, u dan ghas-semplici raguni li huma kienu ta' eta' zaghzugha meta kellhom it-tarbija, u baqghu jghixu fid-djar rispettivi tal-genituri taghhom, jorqdu ghand xulxin izda kwazi separatament minn xulxin. Madankollu l-Qorti jkollha tara jekk id-dinamika tar-relazzjoni hijiex tali li qed tohloq ansjeta' jew disturb konsiderevoli lill-minuri, tant li timmerita intervent tal-Qorti dwar l-eventwali kura w kustodja tal-istess minuri.

Fl-affidavit taghha, l-attrici tghid li r-relazzjoni bejniethom damet ftit inqas minn seba' snin. Hi kienet inqabdet tqila wara li kienu ilhom biss xaharejn flimkien, u tghid li sa mill-bidu nett beda hiereg il-gideb, manipulazzjoni u sens ta' pussess tal-parti l-ohra. Ta' dan taghti diversi esempji. Minn kliem l-attrici, jidher li l-konvenut ma kienx assuma r-responsabbilta' lejha bhala omm binhom, u kien jippretendi li kemm l-attrici kif ukoll ommha u ommu jrabbu lit-tifel minghajr ma jippartecipa xejn. Inoltre, l-attrici ma kienetx issib ebda wens jew 'support' minnu, lanqas meta' ommu kienet tipprova tikkontrolla t-trobbija tat-tifel hi. L-attrici terga' tghid li maz-zmien beda jikxef in-natura vjolenti, manipulattiva u aggressiva tieghu. Fi kliemha, il-konvenut ma kienx ifittex li johrog bhala familja,

izda kien jippreferi jew jibqa' d-dar jew johrog mal-hbieb, bhal per ezempju meta ddecieda li jmur 'camping' wahdu, peress illi t-tifel kien ghad kellu biss ftit gimghat. In sintesi, l-attrici tilmenta li l-konvenut baqa' mohh ta' zaghzugh, u baqa' jgib ruhu ta' hekk, u ma ghamilx il-qabza ta' maturita' bhala missier.

Aktar minn hekk, izda, l-attrici tiddeskrivi sensiela ta' episodji ta' vjolenza imwettqa fuqha mill-konvenut, uhud minn dawn l-episodji anke fil-presenza ta' terzi, inkluz il-minuri. Il-verzjoni ta' dawn l-incidenti gew korroborati mill-membri tal-familja tal-attrici, u l-konvenut naqas milli jaghmel kontro-ezami ta' dawn ix-xhieda. Il-Qorti mhix ser tirrepeti l-episodji msemmija; tghid biss li huma ta' thassib serju.

L-attrici ssemmi ukoll il-vizzju tal-loghob illi kellu l-konvenut. Kien jissellef flus minn ghandha u minn ghand terzi biex jilghab, wara li jkun nefaq il-paga tieghu kollha. Wara telfa konsiderevoli ta' ghoxrin elf Ewro, l-attrici heggitu jfittex l-ghinuna professjonali, kif fil-fatt ghamel.

L-attrici temmet ir-relazzjoni mal-konvenut ghall-habta ta' Gunju tal-2019, u xorta baqghu jinqalghu incidenti mieghu. Huwa evidenti, minn kliem l-attrici, illi hi ma tridx ikollha aktar konflitti mal-konvenut, u ghalhekk qed titlob li jigi varjat l-access u ma jibqax kif inhu esercitat fil-present.

Minn dak li gie prodott fil-Qorti, jidher car li l-partijiet m'ghandhom relazzjoni ta' xejn bejniethom. Hija hasra li huma ma jaghmlu ebda sforz biex jeghlbu d-differenzi ta' bejniethom u jimxu b'mod civili ma' xulxin. Dan zgur kien ighin mhux ftit lit-tifel jikber f'dinamika differenti minn dik li qieghed prezentement jghix u jesperjenza l-minuri. L-attrici esebiet sensiela ta' messaggi skambjati bejn il-partijiet, biex turi n-natura difficli u vjolenti tal-konvenut. Ezami ta' dawn id-dokumenti juri uzu ta' lingwagg dispreggjattiv u assolutament mhux xieraq. Minghajr ma timminimizza l-importanza ta' din il-prova, il-Qorti tirrimarka li din

wehidha mhijiex bizzejjed biex twassal ghal prova ta' vjolenza, aktar u aktar meta dan it-tip ta' lingwagg huwa komuni ghaz-zewg partijiet. Ghalkemm il-verzjoni ta' fatti kif espost mill-attrici gie ikkorroborat minn xhieda familjari taghha, ma jirrisultax li qatt sar rapport lill-Pulizija dwar l-incidenti li allegatament sehhew bejn il-partijiet, u lanqas ma hemm prova ta' griehi, hfief jew gravi, permezz ta' cerifikat mediku. Illi ghalhekk, il-prova li saret permezz tal-messaggi mibghuta lil xulxin, jekk xejn, turi l-frustrazzjoni estrema li tezisti bejn il-partijiet u l-mibeghda assoluta li hemm bejniethom. Il-Qorti ittenni li dan huwa ta' ghajb, primarjament ghax il-minuri qed jitrabba f'ambjent ta' pika infantili bejn ommu u missieru. Tenut kont ta' dan, ghalhekk, il-Qorti tqis li l-allegazzjoni tal-vjolenza ma gietx ippruvata, u ghalhekk il-Qorti hi tal-fehma li ma hemmx il-htiega li l-missier jigi mcahhad minn missieru, anke ghall-gid tal-istess minuri.

B' xorti tajba, izda, il-minuri ma jidhirx li gie affettwat minn dan l-agir tal-genituri tieghu. Dan jixhduh kemm l-ghalliema tal-iskola fejn jattendi l-minuri, kif ukoll ir-rapport tal-espert tal-Qorti. Li jirrisulta car huwa li z-zewg genituri ghandhom imhabba kbira ghall-wild taghhom, u t-tnejn jidhru li jippartecipaw b'mod attiv fil-hajja tat-tifel. It-tnejn jattendu ghall-attivitajiet tieghu l-iskola, it-tnejn ihegguh jiehu sehem ukoll f'attivitajiet ohra barra mill-iskola, u t-tnejn jidhru li ghandhom ghal qalbhom l-izvilupp tat-tifel. U huwa proprju dan li l-partijiet ghandhom ifittxu bis-sahha kollha taghhom, u fuq dan ghandu jinbena l-futur tal-wild taghhom. Ghalhekk, minkejja li l-partijiet qed juru hafna rabja ghal xulxin, fil-konfront tat-tifel taghhom irnexxielhom joholqu ambjent pjuttost stabbli, ghalkemm mhux ideali. Ghall-Qorti dan ifisser li l-partijiet it-tnejn huma genituri idoneji, u l-Qorti temmen li, b'daqsxejn sforz, jistghu jgibu ruhhom hafna ahjar, ghall-gid ta' K.

**Kura w kustodja**

Il-haddiema socjali li kienu involuti f'dan il-kaz, kif ukoll l-espert tal-Qorti Dr Moira Borg, irrimarkaw li r-relazzjoni bejn il-missier u t-tifel kienet wahda tajba, u li l-arrangament ta' access kien qed jahdem. Dan ifisser li ma hemmx il-htiega li l-kura w kustodja tal-minuri tinghata lill-attrici. Jidher li l-minuri sejjer tajjeb bizzejjed b'dan il-modus operandi, u l-Qorti m'ghandhiex tiddisturba dan jekk ma hemmx raguni impellenti ghas-sigurta' u benessere tal-istess minuri. Illi ghalhekk, il-Qorti sejra thalli l-kura w kustodja tal-minuri bhala wahda kongunta bejn il-partijiet. Il-Qorti hija konvinta li, bi ftit sforz, it-tnejn ser jaghmlu l-almu taghhom biex ikunu l-ahjar genituri possibbli ghal K.

**Access**

Minn kliem l-espert tal-Qorti, il-minuri adatta sew ghall-access kif inhu maqsum fil-present. Dan huwa dovut ghall-fatt li sa mill-bidu nett, il-partijiet kienu qed jaqsmu l-hin taghhom b'dan il-mod. Il-Qorti hi tal-fehma li dan jista' jizdied, ladarba issa t-tifel ghalaq disa' snin. L-access ghandu jkun ta' tlitt ijiem ma' kull genitur, bil-jum tal-Hadd jalterna bejniethom. Ghalhekk, l-access ghandu jibda jigi esercitat bil-mod segwenti. Gimgha 1 – tlitt ijiem ma' genitur A, tlitt ijiem ma' genitur B, u l-Hadd ma' genitur A. Gimgha 2 – tlitt ijiem ma' genitur B, tlitt ijiem ma' genitur A, u l-Hadd ma' genitur B. Dawn il-gimghat jibqghu hekk jalternaw bejniethom. Il-Qorti tordna wkoll li l-minuri ghandu jitwassal ghall-attivitajiet tieghu mill-genitur li mieghu jkun qed jirrisjedi. U dan minghajr pregudizzju ghall-hlas ta' manteniment li ser jigi ordnat fuq il-missier, biek ikompli jaghmel tajjeb ghall-bzonnijiet tal-minuri.

Dan l-access ghandu jinbidel ghal gimgha shiha ma' genitur u l-gimgha ta' wara mal-genitur l-iehor, meta t-tifel jibda t-tieni sena tal-iskola sekondarja, sakemm il-partijiet u l-istess minuri ma jiftehemux mod iehor u jibqghu bil-modalita' ta'

access kif deskritt aktar ‘il fuq. Il-hsieb tal-Qorti huwa li l-minuri jgawdi minn ftit aktar stabilita’ meta l-istudji tieghu jsiru aktar impenjattivi.

**<u>Manteniment</u>**

Kwantu ghall-manteniment, ghalkemm il-minuri ser jibqa’ jghix hinijiet indaqs maz-zewg genituri, il-Qorti xorta temmen li l-missier ghandu jikkontribwixxi amont ta flus fix-xahar ghall-minuri. Sa llum, dan l-ammont kien iffissat fis-somma ta’ €300, li kien ukoll jinkludi nofs l-ispejjez ta’ sahha w edukazzjoni. Il-Qorti hi tal-fehma li dan l-ammont ghandu jibqa’ invarjat sa ma l-minuri jaghlaq ghaxar snin, meta joghla ghal €325 fix-xahar, u meta l-minuri jaghlaq hmistax-il sena ghandu joghla ghal €350 fix-xahar, minnflok ma joqghod jigi ikkalkolat l-awment tal-gholi tal-hajja kull sena. Il-manteniment jibqa’ jithallas sa ma l-minuri jaghlaq tmintax-il sena, jew sa ma jaghlaq tlieta w ghoxrin sena jekk ikun ghadu qed jistudja fuq bazi full time u ma jkollux impieg fuq bazi full time.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti;

Kwantu ghat-talbiet tal-attrici:-

1. Tiddikjara l-kura w kustodja tal-minuri bhala wahda kongunta bejn il-partijiet.
2. Tiffissa r-retta alimentari ghall-istess minuri kif deskritt fis-sentenza.
3. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta-tielet talba, stante li l-manteniment jinkludi nofs l-ispejjez ta’ sahha w edukazzjoni.
4. Takkorda access versu l-minuri kif deskritt fis-sentenza.

5. Tiddikjara t-talba enumerata 6 ezawrita.
6. Tilqa' t-talba enumerata 7.

Kwantu ghat-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenut:-

1. Tilqa' l-ewwel talba.
2. Tiffissa r-retta alimentari kif deskritt fis-sentenza.
3. Tilqa' t-tielet talba.
4. Tilqa' r-raba' talba.

L-ispejjez ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Imhallef**

**Onor Anthony G Vella** **Cettina Gauci- Dep reg**